MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru 1311/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**SAVIOUR AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Saviour Azzopardi, ta' 26 sena, bin Saviour u Annunziata nee' Azzopardi, imwieled Tal-Pieta', nhar is-7 ta' Frar, 1980, residenti fil-fond numru 92, Triq Claire E Engel, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 128080(M);

1. Akkuzat talli nhar it-2 ta' Dicembru, 2006 f'Birkirkara, iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid l-ismijiet,

il-marki, jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli, jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq, u cioe' numru ta' DVDs, ai termini tal-Artikolu 298(1) tal-Kodici Krimnali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli bl-istess data, lok, u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam, jew mod iehor offra gahll-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jheddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra, u protetti bil-Ligi ta' Malta, jew tahtha, ai termini tal-Artikolu 298B, tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li gie moghti zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikolu 298(1) tal-Kodici Krimnali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-298B tal-Kodici Krimnali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Saviour Azzopardi hati, u ghaldaqstant tikkundannah ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' mitejn lira maltin (Lm200.00);
Barra minn hekk din l-istess Qorti tordna d-distruzzjoni tal-oggetti ezebiti fl-atti ta'din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------